MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Numru. 353/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**
**VS**
**ABDERRAHIM KHARBOUCH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Abderrahim Kharbouch ta' 37 sena, bin Salah u Fatima nee' Ezzegerdeh, mwieled Marokk 12 ta' Lulju 1975, residenti 123, FLB, Triq Atocia, Hamrun u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 160110L;

Talli;

1) hebb ghall- istess Bader Hassan Asayid u kkagunalu offizi gravi kif iccerifitkat minn Dr. Kenneth

Muscat MD Medical Registration Number 3044 mill- isptar Mater Dei;

2) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema ammont ta’ hsara ma tiskorrix €1,164.69, imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Bader Hassan Asayid u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 53895A;

3) ukoll talli fil- 31 ta’ Marzu 2012 hedded bil- mewt lil Bader Hassan Asayid;

4) talli fl- istess jum, cioe fil- 31 ta’ MArzu 2012 bl- imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontra Bader Hassan Asayid u Mirabelle Caruana, jew kontra propjeta tal- familja Caruana jew dixxent/I, meta hu kien jaf li l- imgieba tieghu se jikkaguna biza’ ;

5) aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwar, hedded bil- gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom lil Bader Hassan Asayid;

6) aktar talli fl- istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lil Bader Asayid Hassan u lil Mirabelle Caruana ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ ohra f’ dan il- Kodici , jew jekk kien ipprovokat ingurja b’ mod li hareg barra mil- limiti;

7) aktar billi bil- hsieb li tellef jew tnaqqas il- gieh ta’ xi hadd, wegga’ bi kliem b’ gesti jew b’ xi mod iehor lil familja Caruana u lil familja Asayid;

8) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-ewwel seduta wara li tressaq b'arrest f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi, fil-mori tad-differiment, l-imputat hallas id-danni maghmula minnu lill-parti leza, b'mod li l-istess parti leza ma kellu ebda pretensjoni ohra fil-konfront tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati u ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza. Jirrisulta li dan l-argument li qam bejn l-imputat u l-parti leza wassal ghal hsara fil-proprjeta' tal-istess parti leza, izda l-imputat iddikjara li sejjer jaghmel tajjeb ghal din il-hsara li hu ghamel. Di fattyi, fil-mori tal-kawza, hu hallas l-ammont ta' €295 bhala danni, u dan ghas-saldu fuq l-incident kollu. Tenut kont ghalhekk ta' dawn il-fatti, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 325(1)(b), 249(1)(2), 251B, 339(1)(b), 339(1)(e), 252 u 338(dd) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------